# MAPSSS

Maltese Association of Parents of State School Students

FURTHER TOGETHER!

Monday 8th December 2014

Dear Parent,

This year, on the 23rd January 2015 in conjunction with the School Council elections, the election to fill the vacant posts of the Executive Committee of the Maltese Association of Parents of State School Students (MAPSSS) shall also be held.

MAPSSS is a very young Association that was registered as a Non-Governmental Organisation in March 2014 to be the voice of parents of students attending a state school in Malta and Gozo. It intends to strengthen partnership among parents, educators and the Maltese Educational Authorities, and policy makers in particular by strengthening the concept of parental involvement in state schools.

Please browse our website or join our Facebook page to have a look at some of the activities and meetings MAPSSS has had in the short time frame since it has been established. It is a modest but encouraging start and there is surely much more that needs and can be done in the interest of our children.

The time has now come for you to take this opportunity to participate actively in MAPSSS by contesting the election, to be elected to represent the College being attended by your child. The intention is to have a parent represent each of the ten Colleges in Malta and Gozo together with a representative from the Higher Secondary Schools.

Besides the role of the President, Secretary and Treasurer (which are all defined in the statute that can be downloaded from the MAPSSS website) as an Association there is also the need for voluntary work in areas such as legal services, administration and clerical duties, fund raising, public relations, website upkeep, translation services from Maltese to English and vice-versa and research to name but a few.

Attached please find a candidature application form, that can also be downloaded from our website. This application needs to be filled in and sent back directly to MAPSSS by the 15th January 2014. Further details about the MAPSSS election procedure are being attached and are also available on our website.

A clarification meeting about MAPSSS, and what it entails to sit on its Executive Council, is going to be held on the 12th January 2015 at the Multi-Purpose Hall located in the ground floor of the Ministry for Education and Employment in Floriana. We look forward to seeing you there and recommend that you contact us beforehand to confirm your attendance.

In the meantime if you have any queries, kindly do not hesitate to contact us.

Kindly keep in mind that the success of our organisation depends on you. We urge you and ask you to encourage other parents to take part and eventually to cast your vote on the 23rd January 2015 both for the School Council elections, and for the MAPSSS elections.

Thank you.

Simon Scicluna
MAPSSS President

**MAPSSS**

FURTHER TOGETHER!

Maltese Association of Parents of State School Students

It-Tnejn, 8 ta' Diċembru 2014

Għażiż Ġenitur,

Nhar it-23 ta' Jannar 2015 ser issir l-elezzjoni biex jimtlew il-postijiet battala fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġenituri tal-Istudenti tal-Iskejjel tal-Istat [Maltese Association of Parents of State School Students (MAPSSS)]. Din l-elezzjoni ser issir fl-istess jum li fiha jsiru l-elezzjonijiet għall-kunsilli tal-iskejjel.

Il-MAPSSS twaqqfet ftit taż-żmien ilu u ġiet reġistrata bħala Għaqda Mhux Governattiva f'Marzu tas-sena 2014 sabiex tkun il-leħen tal-ġenituri li għandhom uliedhom jattendu skola statali f'Malta u Għawdex. L-għan tagħha hu li ssaħħaħ is-sens ta' sħubija bejn il-ġenituri, l-edukaturi u l-Awtoritajiet Edukattivi Maltin u dawk li jfasslu l-politika dwar l-edukazzjoni u b'mod speċjali biex twassal u tkattar l-idea li l-ġenituri għandhom jieħdu sehem ikbar u jipparteċipaw b'mod attiv fl-edukazzjoni ta' wliedhom.

Nitolbukom tidħlu fil-*website* tagħna www.mapsss.org jew tingħaqdu mal-paġna tagħna ta' Facebook (www.facebook.com/groups/MAPSSS/) biex issiru tafu dwar ftit mill-attivitajiet u laqgħat li l-MAPSSS għamlet f'dan iż-żmien qasir li ilha mwaqqfa. Filwaqt li bħal kwalunkwe bidu ieħor, it-telgħa kienet iebsa, madanakollu kien inkoraġġanti u mill-ewwel deher li hemm bosta ħwejjeġ li bħala ġenituri nistgħu nagħmlu flimkien għall-ġid ta' uliedna.

Issa wasal iż-żmien biex tieħu l-opportunità u tieħu sehem iktar attiv fil-MAPSSS billi titfa n-nomina tiegħek fejn tista' tkun elett biex tirrappreżenta l-kulleġġ fejn jattendi ibnek/bintek. L-idea hi li jkun hemm ġenitur li jirrappreżenta kull Kulleġġ mill-għaxar kulleġġi li hawn f'Malta u Għawdex kif ukoll mill-Iskejjel Sekondarji Għolja (b'kollox ħdax-il ġenitur).

Minbarra ir-rwol tal-President, Segretarju u Teżorier (liema rwoli huma spjegati fl-istatut li jista' jitniżżel mill-website tal-MAPSSS) tinħtieġ għajnuna volontarja f'diversi oqsma bħal dik ta'natura legali, amministrattiva u klerikali, ġbir ta' fondi, relazzjonijiet pubbliċi, aġġornar tal-website, traduzzjoni mill-Ingliż għal-Malti (u viċi-versa) u riċerka.

Flimkien ma' din l-ittra qed tintbagħatlek l-applikazzjoni biex tkun tista' titfa n-nomina tiegħek . Tista' wkoll tniżżel din il-formola mill-website tagħna. Nitolbok timlieha u tibgħatha direttament lil MAPSSS sal-15 ta' Jannar 2015. Aktar dettalji dwar il-proċedura tal-elezzjoni għall-MAPSSS issibhom fid-dokument mehmuż ma' din l-ittra. Dawn id-dettalji tista' tniżżilhom ukoll mill-website tagħna.

Nhar it-12 ta' Jannar 2015 ser issir laqgħa ta' informazzjoni organizzata mill-MAPSSS fil-*Multi-Purpose Hall*, li tinsab fil-pjan terran tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, il-Furjana. L-iskop ta' din il-laqgħa hu sabiex nitkellmu dwar il-MAPSSS u ix-xogħol marbut mal-kumitat eżekuttiv. Nittamaw li narawk għal din il-laqgħa u nitolbuk li tgħarrafna minn qabel jekk ser tattendi.

Sadanittant, jekk għandek xi mistoqsija jew tixtieq iktar informazzjoni inħeġġuk tagħmel kuntatt magħna.

Tajjeb li tiftakar li s-suċċess tal-Assoċjazzjoni tagħna jiddependi minnek. Inħeġġu lilek u nitolbuk tħeġġeġ ġenituri oħra biex nhar it-23 ta' Jannar 2015 tmorru tivvotaw għall-elezzjonijiet tal-kunsilli tal-iskejjel kif ukoll għall-elezzjonijiet għall-kunsill eżekuttiv tal-MAPSS.

Inselli għalik,

Simon Scicluna,
President, MAPSSS